MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 5/2006

**Horace Farrugia**

**vs**

**Chris Borg - Ctronics**

**Il-Qorti,**

Il-prezenti gudizzju hu l-konsegwenza tad-decizjoni ta' din il-Qorti tal-21 ta' Gunju 2006 li permezz taghha annullat is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi moghtija fis-16 ta' Frar 2006 relattiva ghal kwestjoni tal-*monitor*. Dan ifisser illi, kif jippreciza l-Artikolu 22 (2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994, din il-Qorti ghandha hi stess tiddetermina u tiddeciedi din il-kwestjoni, dejjem, s' intendi, skond il-parametri ta' dik il-gustizzja sostantiva u l-ekwita` dettati fl-Artikolu 21 (1) ta' l-istess Att (Kapitolu 378). Kriterji dawn, li kif drabi ohra ritenut, jipprospettaw apprezzament gust tal-fatti provati quddiem it-Tribunal.

Ara “**Charles Sultana -vs- A. C. K. Ltd**”, Appell, 27 ta’ Ottubru 2000;

Hi wkoll il-fehma ta’ din il-Qorti illi l-gustizzja sostantiva u l-ekwita` jigu ottenuti bl-adattament tal-principju ta’ dik il-prudenza u ta’ l-opportunita` li fil-kuxjenza ta’ min jiggudika jidhru hekk gustifikativi fl-ezami tal-fattispeci singolari tal-kaz. Tali principju jimporta valutazzjoni specifika, libera u elastika;

Naturalment biex wiehed jaddivjeni ghar-rizoluzzjoni tal-kwestjoni *de quo* bl-applikazzjoni tal-kriterji ritwali li jsemmi l-Artikolu 21 (1), hu necessarju, in bazi ghall-gurisprudenza enuncjata, li jigu evalwati l-fatti;

F’ Jannar 2003 l-attur xtara *monitor* minghand id-ditta konvenuta, dwar liema hallas mitejn u tletin lira (Lm230). Xahrejn fuq dan l-akkwist il-*monitor* ma baqax jahdem u gie ritornat lura lid-ditta venditrici. Sena wara (9 ta’ Gunju 2004) id-ditta konvenuta baghtet dan l-apparat il-Belgju ghat-tiswija. Sad-data tad-decizjoni tat-Tribunal (15 ta’ Dicembru 2005) il-*monitor* kien ghadu fil-pussess tad-ditta konvenuta. Huwa evidenti mill-motivazzjoni ta’ din is-sentenza illi t-Tribunal ippenalizza lid-ditta konvenuta ghad-dewmien fit-tiswija tal-*monitor* u l-konsegwenti non-uzu tieghu minhabba dan l-istess dewmien da parti ta’ l-attur;

Minn dan il-kwadru huwa lecitu li jinghad illi l-kriterji tal-ligi aktar ‘il fuq espressi ghandhom jippropendu versu l-integrazzjoni tal-patrimonju ta’ l-attur-xerrej billi dan jigi moghti lura l-*monitor* li tieghu gja hallas il-prezz intier. Mod iehor id-ditta konvenuta tkun qed tibbenefika ruhha minn qaghda li ghaliha l-attur ma jahti xejn in kwantu l-*monitor* vendut u mhallas irrizulta inidoneju ghall-uzu. Fuq kollox, l-ekwita`, intiza wkoll bhala kriterju ta’ interpretazzjoni skond il-bwona fede, tesigi illi la sar il-hlas

ix-xerrej hu intitolat li jiehu lura l-oggett komprat minnu u proprjeta` tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tordna lid-ditta konvenuta biex zmien gimgha mil-lum tikkonsenja lura lill-attur il-*monitor*, proprjeta` ta' l-istess attur li jinsab fil-pussess taghha. Huwa xieraq li l-ispejjez gudizzjarji kollha kompriz dawk tad-decizjoni ta' din il-Qorti tal-21 ta' Gunju 2006 jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------